



C/2024/2122

11.3.2024

**Avviż tal-iskadenza imminent ta' ċerti miżuri antisussidji**

(C/2024/2122)

- Kif previst fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (¹), il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma jitnediex rieżami f'konformità mal-proċedura li ġejja, il-miżuri kompensatorji msemmijin hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

**2. Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għat-ġħażu jew għar-rikorrenza ta' sussidjar u ta' dannu. F'każ li l-Kummissjoni tiddeċċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importatturi, l-esportatturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni u l-produtturi tal-Unjoni jingħataw l-opportunità biex jelaboraw, jirrifjutaw jew jikkummentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

**3. Skadenza**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, biex tasal f'dan l-indirizz: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit G-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels, IL-BELGIJU (²) fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, iżda mhux aktar tard minn tliet xħur qabel id-data msemmija fit-talba ta' hawn taħt.

- Dan l-avviż huwa ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (UE) 2016/1037.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadenza (³)
Bijodiżil	L-Indoneżja	Dazju kumpensatorju	REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TALKUMMISSJONI (UE) 2019/2092 tat-28 ta' Novembru 2019 li jimponi dazju kumpensatorju definitiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 42)	10.12.2024

(¹) Il-miżura tiskadi f'nofsillej (00:00) tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

(²) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

(³) TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu